23 ta' Frar, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Nobbli Alexander Apap Bologna

**Penali — Terminu — Proroga — Restituzzjoni "in integrum" — Appell — Attorney General — Nullità — Ġudikat — Art. 431, 316 u 425(1)(b)(vii) tal-Kodiċi Kriminali — Art. 3 tal-Kap. 140**

*Hu veru li rikors ta' appell kriminali, meta dan hu nterpost mill-Attorney General, għandu jkun firmat minnu; imma hu wkoll veru li l-uffiċjali li jissejħu assistenti avukati tal-Kuruna huma fakoltizzati li jeżegwixxu u jeżerċitaw dawk is-setgħat, funzjonijiet u dmirijiet, li jiġu mogħtija jew assenjati lilhom mill-Attorney General. Għaldaqstant, mhix f'lokha l-eċċezzjoni li appell interpost mill-Attorney General huwa null għax ir-rikors tal-appell ma ġiex iffirmat minnu, jekk il-firmatarju tar-rikors kellu d-delegazzjoni mill-Attorney General biex jiffirmah. U l-asserzjoni tal-Avukat tal-Kuruna firmatarju tar-rikors hija biżżejjed prova li hu kellu din id-delegazzjoni.*

*Sentenza li tillibera l-imputat minn obligu kontemplat fl-art. 316 tal-Kodiċi Kriminali hija appellabbli mill-Prosekuzzjoni.*

*Jekk l-imputat kien kundannat jeżegwixxi xi xogħol taħt penali ta' tant kulljum għal kull ġurnata ta' ritard fi żmien determinat, u huwa jitlob restituzzjoni "in integrum" wara l-iskadenza tat-terminu, din, jekk tingħata, għandha tingħata għall-perijodu kollu tan-nuqqas; altrimenti tkun proroga, u proroga mhix konċepibbli wara li jkun għadda t-terminu. Imma, jekk l-imputat ikun irregola ruħu skond il-provvediment li tkun tat il-Qorti fuq dik id-domanda tiegħu, ma hux ekwu li fl-appell l-imputat jiġi kundannat iħallas il-penali għal dak il-perijodu li għalieh ġiet lilu mogħtija r-restituzzjoni "in integrum"; għax forsi, kieku t-talba tiegħu ġiet respinta, hu kien jaqbad u jagħmel ix-xogħol, mentri hu rregola ruħu bl-eżenzjoni mill-penali wara l-konċessjoni ta' terminu ġdid lilu mogħti mill-Qorti.*

*Jekk fiċ-ċitazzjoni, fejn l-imputat jiġi mħarrek talli ma eżegwiex is-sentenza preċedenti li mponietlu terminu għall-eżekuzzjoni tax-xogħol u penali għall-kull jum ta' ritard, ma tintalabx il-kundanna tiegħu għall-ħlas tal-penali, ma hemmx lok għall-kundanna għall-ħlas tal-penali fuq "dik iċ-ċitazzjoni", għax tonqos it-talba għal dak il-ħlas. Sentenza simili, però, li ma tikkundannahx għall-penali, fil-waqt li tiddikjarah ħati talli ma eżegwiex ix-xogħol meta kellu jeżegwieh, ma tikkostitwix ġudikat favur tiegħu meta ssirlu ċitazzjoni oħra biex iħallas dik il-penali; b'mod li l-Maġistrat ma għandux, fiċ-ċitazzjoni l-ġdida, jirravviża ġudikat, fis-sens li fiċ-ċitazzjoni ta' qabel huwa seta' jiġi kundannat għall-penali imma ma ġiex kundannat, u allura ma jistax jiġi hekk kundannat fiċ-ċitazzjoni l-ġdida.*

*In teżi ġenerali, għalkemm il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Inferjuri mhix obbligata taqbel ma' prinċipju stabbilit mill-Qorti tal-Appell, u tista', għal raġunijiet minnha enunċjati, tiddissenti minn dak il-prinċipju, eppure hija prattika li l-Qorti Inferjuri ssegwi l-prinċipji stabbiliti mill-Qorti Superjuri; u din hija prattika salutari li għandha tiġi segwita; għax tant jirrikjedu raġunijiet impellenti ta' stabilità tal-ġurisprudenza u ta' menomazzjoni ta' spejjeż.*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni tal-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra n-Nobbli Alexander Apap Bologna, talli ma għamelx dak li ordnatlu l-Qorti bis-sentenza tal-15 ta' Frar 1956 fiż-żmien lilu mogħti sal-15 ta' Ġunju 1956, taħt penali ta' 2s. 6d. għal kull ġurnata ta' dewmien, talli f'Ħaż-Żabbar, St. Anthony Street, numru 23, naqas iniffed id-drenaġġ tad-dar mad-drenaġġ publiku li għaddej anqas bogħod minn mitt pied mill-eqreb naħa tad-dar;

Rat it-talba għall-kudanna għall-penali mis-16 ta' Ġunju 1956 sal-lum;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' Diċembru 1956, li biha sabet l-imputat ħati skond l-imputazzjoni limitatament għall-perijodu mill-ewwel ta' Awissu sat-18 ta' Settembru 1956, u kkundannatu għall-amenda ta' £6.2.6;

Rat ir-rikors tal-Attorney General, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi riformata, billi tiġi konfermata in kwantu kkundannat lill-appellat għall-penali ta' £6.2.6 għal 49 ġurnata ritard mill-ewwel ta' Awissu 1956, u billi tirrevokaha fejn illiberat lill-appellat mit-talba għall-penali mis-16 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju 1956 (salva l-inadempjenza eventwali futura), u minflok tikkundannah għall-penali ta' £5.15.0 għal 46 jum ritard mis-16 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju 1956, u tiddikjarah ukoll ħati skond l-imputazzjoni għall-perijodu mid-19 ta' Settembru sal-5 ta' Diċembru 1956, u tikkundannah għall-penali ta' £9.15.0 għal 78 jum ta' ritard f'dan it-tieni perijodu;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Id-difensur tal-appellat issolleva, in linea preliminari, il-preġudizzjali tan-nullità tal-appell, peress li r-rikors ma setgħax jiġi firmat mill-Avukat Dr. Maurice Caruana Curran bħala *Senior Crown Counsel*;

Hu veru li għat-termini tat-tieni subartikolu tal-art. 431 tal-Kodiċi Kriminali, ir-rikors tal-appell, meta dan hu interpost mill-Attorney General, għandu jkun firmat minnu, imma hu altrettant veru li, skond it-tielet artikolu tal-Kap. 140 Ediz. Riv., l-uffiċjali li jissejħu Avukati tal-Kuruna huma fakoltizzati li jeżerċitaw u jeżegwixxu dawk is-setgħat, funzjonijiet u dmirijiet, mogħtija jew assenjati lilhom mill-Attorney General. Dr. Caruana Curran, firmatarju tar-rikors tal-appell, hu Avukat tal-Kuruna, peress illi jkopri dik il-kariga ta' "Avukat tal-Kuruna Anzjan" li hi msemmija fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 512 tal-1936. Hu ddikjara in udjenza (ara verbal fol. 18) li hu għandu mill-Attorney General id-delegazzjoni li jiffirma r-rikors tal-appell kriminali. Dik l-asserzjoni hi suffiċjenti, kif "in pari materia" rritjena, bir-raġun, u in omaġġio għad-dekor tal-avvokatura, l-Imħallef Dottor Zaccaria Roncali in re "Dr Mallia vs. Guer-

rera P.A.", 9 ta' Frar 1909. Għalhekk il-vot tal-liġi hu sodisfatt, u l-eċċezzjoni tirrivela ruħha destitwita minn fondament;

Ikkunsidrat;

Id-difiża ssollevat ukoll, in subordine, l-eċċezzjoni talinammissibilità tal-appell in kwantu jirrigwarda l-perijodu mit-18 (recte l'9) ta' settembru 1956 sal-5 ta' Diċembru 1956. Iżda appell simili hu ammissibbli għall-Prosekuzzjoni taħt l-art. 425(1)(b)(vii) tal-Kap. 12, in kwantu jimporta liberazzjoni minn obligu kontemplat fl-art. 316 tal-Kap. 13 Ediz. Riv. Anki din l-eċċezzjoni, għalhekk, hi infondata;

Ikkunsidrat, fil-meritu;

Kwantu għal dan il-perijodu mid-19 ta' Settembru 1956 sal-5 ta' Diċembru 1956;

Din il-Qorti terġa taffenma dak li qalet qabel, li meta tingħata r-"restitutio in integrum", din (jekk tingħata) għandha tingħata għall-perijodu kollu ta' defezzjoni; għax appuntu hekk tfisser l-istess frażi, reża f'diversi sentenzi nostrali bil-kliem "restituzione in intero contro la decorrenza del termine". Altrimenti tkun proroga; u proroga mhijiex konċepibbli wara l-għeluq tat-terminu;

B'dan kollu, din il-Qorti ma tħossx li f'dan l-appell hu opportun li, kważi "per incidens", li tannulla l-provvediment tal-Maġistrat, riportat in kopja fol. 5, molto più li in vija ta' riflessjoni ekwitativa wieħed għandu jqies li l-imputat irregola ruħu skond dak il-provvediment, u ma għandux il-lum isib ruħu privat serotinament mill-benefiċċju tiegħu; għaliex forsi, kieku t-talba li kien għamel ġiet respinta, hu kien jaqbad u jagħmel ix-xogħol, mentri hu rregola ruħu bl-eżenzjoni mill-penali wara l-konċessjoni ta' terminu ġdid bid-digriet fol. 5. Għalhekk, fil-meritu, din il-parti talappell tal-Prosekuzzjoni hi respinta;

Ikkunsidrat, kwantu għall-perijodu mis-16 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju 1956;

Il-Maġistrat illibera għax irritjena li kien ostativ il-prinċipju tan-"non bis in idem";

Din il-Qorti, fis-sentenza tagħha f'din l-istess vertenza tal-Pulizija kontra l-appellat, mogħtija fl-24 ta' Novembru 1956, kienet iddeċidiet li ma kienx hemm lok għall-kundanna għall-penali fuq "dik" iċ-ċitazzjoni, għax kienet tonqos fiha t-talba għall-penali;

Issa, il-Maġistrat espona r-raġunijiet tiegħu li għalihom hu ma qabelx ma' din il-Qorti li fuq dik iċ-ċitazzjoni ma setgħax ikun hemm kundanna għall-penali, u esprima l-fehma tiegħu li seta' kien hemm kundanna; u għadda biex jirritjeni li konsegwentement kien hemm l-ostakolu tal-ġudikat, għax fl-okkażjoni taċ-ċitazzjoni preċedenti seta' kien hemm dik il-kundanna;

Għandu jingħad, in teżi ġenerali, li għalkemm il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Inferjuri tista', għar-raġunijiet minnha enunċjati, tiddissenti mill-prinċipju stabbilit minn Qorti tal-Appell, eppure wieħed għandu dejjem iżomm quddiem għajnejh dak li l-Qorti tal-Appell stess mhux biss għallmet, imma ppratikat hija stess, fil-kawża "Strickland vs Hunter", 15 ta' Diċembru 1939. Infatti, dik il-Qorti, allura presjeduta mill-Prim Imħallef Sir Arturo Mercieca u mill-Imħallfin Professur Dr. Edgar Ganado u Dr. Robert F. Ganado, kienet fl-4 ta' Marzu 1938, fil-kawża "Strickland vs Sammut", interpretat ir-regola stabbilita minn Chief Justice Mansfield fil-kawża "Campbell vs. Hall". Il-Privy Council, però, fit-30 ta' Ġunju 1938, kien irrevoka dik is-sentenza u ta interpretazzjoni diversa tar-"rule" ta' Chief Justice Mansfield. Meta l-istess kwistjoni nqalgħet quddiem l-istess Qorti tal-Appell u l-istess Imħallfin fil-kawża fuq imsemmija "Strickland vs. Hunter", il-Qorti, wara li rrilevat, f'sentenza minnha mogħ-

tija bl-ingliż, li hija kienet ibbażat il-konklużjonijiet tagħha ta' qabel "on the constant ruling of the Privy Council and on the construction given by all the English text-books to the statement made by Lord Mansfield on behalf of the Privy Council in "Campbell v. Hall", eppure, avvolja hija l-Qorti Suprema, salvi l-appelli eċċezzjonali lill-Privy Council, aċċettat id-deċiżjoni tal-Privy Council, kontra l-konvinzjoni tagħha, b'dawn il-kliem:— "This Court, having carefully re-examined all the arguments, pleadings and documents submitted in the present action and in the case "Strickland vs. Sammut", as well as the judgments delivered in the latter, is inclined to consider as convincing the reasons set forth in the decision under appeal of the Court below, in conformity with the conclusion reached in the pronouncement of this Court made on the 4th March, 1938, in "Strickland vs. Sammut". But although no "res judicata" has been pleaded as arising from the ruling of the Privy Council in that lawsuit, it is the practice in the judicial system of these Islands, for a Lower Court, whenever it disagrees on a point of law with the opinion recently expressed by a higher tribunal, to accept it, though not strictly bound to do so, even for the object of avoiding unnecessarily increased expenses. To that practice this Court proposes to adhere, and consequently takes the view adopted by the Privy Council as regards the purport of the rule laid down by Lord Mansfield in Campbell vs. Hall";

L-istess regola ġiet ribadita minn din il-Qorti fil-kawża App. Krim. "Pulizija vs. Manwel Borg", 7 ta' Awissu 1952, allura presjeduta mill-Imħallef (il-lum President) Dr. Luigi A. Camilleri;

L-Imħallef sedenti jżid li din il-prattika salutari ma hijiex dovuta għal ebda vellejita' jew konsiderazzjoni ta' vanita personali, imma għaliex tant jirrikjedu raġunijiet impellenti ta' stabilità ta' ġurisprudenza u ta' menomazzjoni ta' spejjeż. U preċiżament għalhekk Qorti tal-Appell hija anki msejħa "corte regolatrice", u għalhekk fiha l-Imħallfin jkunu msejħa fuq il-bażi tal-anzjanità tagħhom;

Dan qiegħed jingħad in teżi ġenerali; għax f'dan il-każ partikulari l-Maġistrat ma setgħax iqiegħed "in disparte" s-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Novembru 1956, jgħid li ma jaqbelx ma' dak li rriteniet, u mbgħad, in bażi għall-fehma tiegħu sostitwita, jafferma l-ostakolu tal-ġudikat. Infatti, tajjeb jew ħażin, fuq "din" l-imputazzjoni partikulari, vis-a-vis "dan" l-istess imputat, kien hemm dik is-sentenza irrevokabbli; u għalhekk il-Maġistrat, meta ġie biex jinterpretaha, seta' biss iħares lejha "kif inhi", jaqbel jew ma jaqbelx mad-dispost tagħha, u jara jekk "kif inhi" apparti l-fehma tiegħu x'kien imissha tkun, kienetx tali li ġġib il-konsegwenza li l-Pulizija ma setgħetx taġixxi għall-penali għall-perijodu mis-16 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju 1956. Hu ma setgħax jirrinvanga dik is-sentenza. Seta', f'okkażjoni oħra, jesprimi l-fehma tiegħu kuntrarja għall-prinċipju stabbilit minn din il-Qorti, salv dak li ntqal fuq dwar dak li għallmet il-Qorti tal-Appell kolleġjalment komposta;

Issa, bis-sentenza tal-24 ta' Novembru 1956, "f'din l-istess kawża", kontra "l-istess" imputat, fuq "l-istess" materja, intqal ċar li ċ-ċitazzjoni ta' qabel ma kienetx tali li fiha tista' ssir kundanna għall-penali; u kwindi l-unika konklużjoni ma setgħetx ħlief tkun li l-Pulizija kellha d-dritt kollu li taġixxi b'ċitazzjoni oħra li tkopri dak li ma kienx kopert biċ-ċitazzjoni ta' qabel;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-appell tal-Attorney General fis-sens biss li tirriforma s-sentenza appellata billi tikkundanna lill-appellat (minbarra l-kundanna ġa minnu subita għas-somma ta' £6.2.6) anki għas-somma ta' £5.15.0, penali għal 46 jum ritard mis-16 ta' Ġunju 1956 sal-31 ta' Lulju 1956; u teskludi l-appell għall-bqija.

---